

# Memorji ta' l-Aħħar Ħamsin Sena tas-Seklu Għoxrin



***Jikteb Anton Mallia Borg***

Ġie f' moħħi li s-sehem tiegħi din is-sena f' dan il-Programm tal-festa ikun sensiela ta' tifkiriet dwar ġrajjiet li bqajt inżomm f' moħħi u li ġraw fl-aħħar ħamsin sena tas-seklu li ntemm. Qed nillimita ruħi għal Birkirkara, post twelidi. B' mod speċjali qed nikteb dwar dak li kellu x' jaqsam mal-kolleġġjata, li għal bosta snin jien membru tagħha. Wieħed jissoponi li bosta dettalji u ġrajjiet tħallew barra bla ma nkun ridt, għax sa llum storja miktuba wara s-snin 1930 ma għandniex. Nittama li xi ħadd aqwa minni jissokta jikteb dak li ħallejt jien f' din il-kitba.

## Qabel l-1950

Wara li ntemmu s-snin kiefra tal-gwerra, li fihom, barra ħajjiet ta' bnedmin, bosta djar u saħansitra knejjes ġew milquta mill-bombi qerrieda ta' l-għadu, ir-rifuġjati minn Birkirkara bdew imorru lura lejn djarhom. Bdew jissewwew il-ħsarat tal-gwerra, jinbnew djar u jinfetħu toroq ġodda. Fosthom hemm iż-żewġ toroq fuq kull naħa tat-tempju elenjan. Il-qniepen li, (għajr sinjali ċkejkna ta' serħan il-moħħ wara attakki mill-ajru, kienu siekta), bdew isemmgħu leħinhom ferriħija. Fl-irħula u l-bliet Maltin reġgħu bdew isiru l-festi esterni, bħal qabel. Iżda l-poplu Karkariż, minħabba raġunijiet oħra baqa' mċaħħad li juri l-ferħ tiegħu fil-festi ta' barra ta' Birkirkara. Il-botti minn parruċċani oħra u l-ilsien xi ftit iniġġes ma naqasx li jżid l-iskuntentizza tal-Karkariżi. Aħbar mhux tant feliċi, iżda fondata, nikktet bil-kbir il-poplu, li kien qed jittama li dak li għal sekli sħaħ, il-Kolleġġjata tagħna bil-barka tal-Papiet kienet tgawdi, ma jintemmx fix-xejn. Il-kapitlu Elenjan u s-Soċjeta' Dun Filippu Borgia, rappreżentanta tal-poplu, kienu ressqu l-kwestjoni f' Ruma. Dwar dan u dak kollu li ġara, kienu kitbu l-gazzetti kontemporanji, kulħadd skond il-punto di vista tiegħu, u għadhom hemm għal min jrid jarahom u jidħol fil-fond dwar kwestjonijiet ġuridiċi.

L-ogħla Awtoritajiet tal-knisja f' Malta, fosthom ir-Ragħaj tad-Dijoċesi, l-isqof Mikiel Gonzi minn Għawdex, kien sar isqof (1942) u aktar tard Arċisqof ta' Malta, suċċessur ta' Dom Mawru Caruana O.S.B., ma kienux kuntenti bl-atmosfera f' dan il-post hekk kbir fin-numru ta' abitanti u hekk qadim bit-twaqqif fih ta' l-Ewwel Kolleġġjata tal-Gżejjer Maltin. Il-kura spiritwali tal-parruċċani, afdata f' idejn il-Prepostu Emanuel Vella u l-membri ħabrieka tal-Kapitlu, baqgħet sejra, kif kien mistenni. Dan ikompli jixħduh is-snin tal-gwerra, b' Birkirkara invaduta minn mijiet kbar ta' refuġjati. Il-festi reliġjużi nterni kienu jsiru xorta waħda. Mons Arċisqof Mikiel Gonzi wiegħed li permezz ta' l-intervant effikaċi tiegħu kollox jiġi għan-normal. Birkirkara dawk iż-żminijiet kellha barka speċjali għax numru konsiderevoli ta' żgħażagħ kienu qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju. Kellu jkun l-istess Arċisqof li jikkonsagrhom presbiteri. L-ewwel xrara ta' aħbar sabiħa ħarġet minn Ruma fit-18 ta' Jannar 1950.

## Bażilika Minuri

Id-Digriet ta' l-Erezzjoni ta' Bażilika Minuri mogħti mill-Papa Piju XII lill-kolleġġjata Elenjana fl-Arċidijoċesi ta' Malta, fuq rakkomandazzjoni siewja ta' l-Arċisqof M. Gonzi, ġiet komunikata lill-poplu nhar is-Sibt 22 ta' April 1950. Il-Prepostu E. Vella, liebes il-plivjal abjad, tela' fuq il-pulptu u qara d-Digriet u ġie milqugħ b' applaws u b' entużjażmu l-aktar kbar. L-eqreb festa kienet Santu Kruċ u kulħadd irsista kemm felaħ biex din il-festa tiġi ċċelebrata bil-kbir. Billi ma kellniex l-insignia tal-bażilika, fosthom it-tintinnabalum u l-umbrellun, kienu sselfu dawk tal-bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt li fl-1995 għalqet l-ewwel ċentenarju mit-twaqqif tagħha. Malajr biddlu s-salib tal-ġebel ta' fuq il-frontispizju u għamlu dak papali. Is-Soċjetajiet filarmoniċi ftehmu bejniethom kif sejrin jieħdu sehem kif jixraq, fl-ewwel festa esterna ta' Santu Kruċ 1950.

Il-festa ġiet immexxija mill-Prepostu wara perijodu ta' erbatax-il sena, li matulhom kien jiċċelebraha l-kanonku ebdomadarju (li jkun imissu t-turn li jmexxi r-reċita korali). Kieku għadu ħaj Mons. Gonzi kien jiftakar b' nostalġija l-merħba kbira li qala' meta wasal Birkirkara dak inhar. Fir-ritorn tiegħu lejn il-Palazz tal-Belt sa nofs il-lejl, imdawwar minn folol kbar ta' nies, kien għoddu wasal quddiem il-knisja ta' Fleur-de-lys. Dan kien bidu ta' żmien ġdid. Il-Karkariżi tħeġġu biex ikomplu jorqmu t-temju tagħhom b' opri sagri. Aktar tard il-kwestjoni tas-soppressjoni ta' ċerti privileġġi, bħal ma hu l-ġuspatronat, ġiet mill-ġdid studjata quddiem l-Awtoritajiet ta' Ruma, skond il-wegħda ta' Gonzi Arċisqof. Rappreżentanti tal-Kapitlu u tas-Soċjeta` telgħu Ruma jikkonsultaw ruħhom ma' ġuristi ta' fama u jagħmlu kuntatti meħtieġa ma' l-Awtoritajiet. Huma wasslu b'idejhom l-ittra ta' l-Arċisqof Gonzi datata 16 ta' Frar 1949, biex ikun hemm rikonsiderazzjoni tal-kwestjoni ta' Birkirkara. Għal dan kien hemm eżitu posittiv. Fid-19 ta' April 1955, is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju laqqgħet it-talba ta' l-Arċisqof M. Gonzi li wara li rat li avveraw ruħhom ċerti kundizzjonijiet (mitluba fiċ-Ċirkulari tal-1935), tagħti ħajja mill-ġdid ('tirripristina') id-dritt tal-Guspatronat, iżda b'ċerti riservi. Id-Digriet imsemmi iġib il-firma tal-Kardinal Ciriaci, il-Perfett tal-Kongregazzjoni, u tas-Segretarju Monsinjur Francesco Roberti. Is-sitwazzjoni issa kienet kalma u ċara.

### Ħatra ta' Kanoniċi ġodda

Kien hemm dak iż-żmien ħames kanonikati battala. L-aħħar wieħed maħtur mill-isqof wara li kkonsulta l-Kapitlu bl-għażla tiegħu, kien il-Kanonku Carmelo Pirotta. Dik il-ħabta, kien hemm Dun Karm Sciberras bħala Ċerimonier u Kanċillier tal-Kapitlu. F'Novembru 1954, Dun Karm ġie nominat Kappillan f'Ħal Balzan. Minn floku l-Kapitlu sejjaħ lil Dun Anton Mallia Borg biex ikun il-Kanċillier minn floku u lil Dun Manwel Grech biex ikun iċ-Ċeremonier. Kien ħarġu l-Editti fil-knejjes kollha tal-Parroċċi li darba kienu jifformaw parti minn Birkirkara, iffirmati mill-Prepostu E. Vella bħala Preminent tal-Kapitlu u l-Kanċillier mogħnija bis-siġill kapitulari, biex diversi pretendenti għall-kanonikati vakanti jikkonkorru. Il-għażla saret mill-Kapitulari preżenti liebsa l-abiti korali, wara Quddiesa ta' l-Ispirtu Santu filgħodu nhar is-16 ta' Marzu 1956. Dak inhar ġew magħżula erba' qassisin minn Birkirkara, fosthom il-Kanonku Onorarju Dun Ġwann Micallef, E. Grech, A. Mallia Borg u P. Gauci. Il-Kanonku Teologu Anton Mallia ġie magħżul tlett xhur wara, skond kif titlob il-Fondazzjoni, li ġiet rikonoxxuta minn Ruma. Għalhekk il-Kapitlu Elenjan sar mimli bil-kanonċi.

### Il-Pussess tal-Kanonċi

L-istituzzjoni Kanonika jew il-pussess, li kellu jsir sa erbgħin jum wara n-nomina, kien festa **għall-poplu kollu** ta' Birkirkara. Ħadu sehem **iż-żewġ baned ewlenin** li akkompanjawhom mill-Knisja ta' San Pawl tal-Wied u lura saċ-Ċirklu San Pietru f'Main Street. L-E.T. Mons Emanuel Galea assistit mill-aħħar żewġ kanonċi, il-Penitenzier Ġakbu Micallef u l-Kan Dun Karm Pirotta, kien tahom il-pussess nhar il-Ħadd 16 ta' April 1956. L-Isqof, wara li nqara' d-Digriet, kien libbishom l-abiti korali, inkluż is-salib pettorali, tahom posthom fil-Kor u fl-Aula Kapitulari u tkanta t-Te Deum. Wara kien sar l-abbraccio mal-kanonċi kollha. Skond id-drawwa, il-kanonċi eletti kienu ħadu l-ġurament kontemplat fl-istatuti Kapitulari, kif ukoll il-Professjoni tal-Fidi skond il-prassi taż-żmien. Aktar tard il-kumitati taż-żewġ baned kienu stiednu lill-kanonċi ġodda u lil sħabhom, biex jifirħu magħhom fil-każini rispettivi.

Biż-żieda ta' dawn il-Kapitulari, kif ukoll fl-istituzzjoni kanonika tat-Teologu li saret 3 xhur wara, il-Kapitlu kien mimli. Santa Liena tas-sena 1950 saret bis-sehem tal-kanonċi kollha u bis-sehem ta' l-Onorarju il-Kan Giov. Psaila, li kien Kappillan tal-Knisja ta' l-Erwieħ Valletta. Il-għan li l-Kapitli li jsebbħu u jagħnu f'kull sens il-Liturġija qatt ma ġie nieqes. Saħansitra wara l-Konċilju Vatikan II, il-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku (1983) jirrikonoxxi dan, fil-kan 503. Kemm hu edifikanti tara bnedmin, bħall-Appostli jagħtu preferenza lill-ministeru tal-Kelma u lit-talb. Tassew jieħdu gost il-fidili jissieħbu mal-Kanoniċi fil-Liturġija tas-Siegħat. (Studju fil-fond tal-verbal tal-Fondazzjonijiet Filippina u Pierina u l-Istatuti Kapitulari ma jħallix dubju li d-dmirijiet tal-Kolleġġjata u l-ministeru saċerdotali ma jmorrux kontra xulxin).

Il-Kanonċi jiltaqgħu kull tant żmien biex jippjanaw aħjar il-ħidma tagħhom għall-ġid tal-Kolleġġjata. Hawn fost ħwejjeġ oħra, jintagħżlu l-Predikaturi li jinsġu t-tifħir lill-Qaddisa Elena f'jum il-festa, u bosta dettalji oħra konnessi mal-kult. Huma jiddeterminaw min ikun ser imexxi l-mużika liturġika. F'dawn l-aħħar 50 sena kellna lil Mro Gius Camilleri, lil Mro P. Albert Borg, lil Mro Dione Buhagiar u dan l-aħħar lil Mro Dun Ġwann Galea. Niftakar ukoll lill-Karkariż Mro Gius. Grima, jiddirieġi quddiesa ta' qassis ġdid. Matul dawn l-aħħar 50 sena il-purċissjoni ta' nhar il-festa, eċċettwati ċ-ċentenarji ta' l-1978 u 1987, dejjem saru filgħodu qabel il-quddiesa prepożitali, skond id-drawwa tal-Kolleġġjata Elenjana.

### Opri ġodda

Il-poplu kien ferħan u kburi bit-tempju u bil-wirt kulturali li nkiseb matul is-snin. Mhux biss ma ried li xejn ma jintilef, iżda bħal

missirijiethom ried li jorqmu. Fil-ktejjeb tal-festi ċinkwantenarji ta' S. Liena (325-1978) pp 38-9, il-Prokuratur Saliba tana lista sħiħa u dettaljata ta' dak kollu li sar. Jissemmew fost ħwejjeġ oħra t-tabernaklu tal-fidda, rigal tal-Kanonċi Micallef, statwi ta' rħam u l-kanċell tal-kappella tas-Sagrament, linef, l-akkwist ta' 32 kwadru tal-bozzetti tal-pittura ta' V. Monti, il-bankun tal-qaddisa, kuruna tad-deheb u dekorazzjonijiet oħra, it-tpoġġija taż-żewġ statwi leġiju tal-bronż San Pawl u San Ġwann, (mibdija snin ilu fil-Fonderija ta' Vinc. Sammut tal-Motros) il-bini tal-post ta' l-armar eċċ eċċ. Matul is-snin dejjem baqgħet issir xi opra ġdida oħra.

## Il-kapitlu mistieden f' parroċċi oħra

Bosta parroċċi ferħu li jaraw l-ordni ssaltan fil-Parroċċa ta' Birkirkara, li uħud minnhom ġew smembrati minnha tul is-snin. Niftakar li l-kapitlu tagħna kien mistieden u difatti ħa sehem Marsaxlokk, Ħal-Lija, Balzan, Belt Valletta, Floriana, Safi, Cospicua, Ħamrun, Mosta, u postijiet oħra. Fit-taraġ ewlieni tas-Sala Kapitulari hemm ritratti mogħtija b' tifkira għal dan is-sehem. Niftakar ukoll li kien hemm drawwa li kull darba li xi Isqof ikun mistieden jippresiedi f' xi funzjoni liturġika f' xi post jew knisja fix-xaqliba ta' Birkirkara, (e g,. Naxxar) żewġ kanoniċi minn fostna kienu jmorru jassistuh. Diversi mill-kanoniċi kienu għalliema fil-Kulleġġ San Alwiġi mmexxi mill-Ġeswiti; uħud minnhom baqgħu jgħallmu għexieren ta' snin. Iżda dejjem sabu mezz li jaqdu fedelment id-dmirijiet kollha ta' kanonċi, ukoll meta parti mill-kor li għalih jattendu kull jum tal-ġimgħa fi żmien ir-Randan kien jingħad fil-11 00 a m. Qatt ma kienu jonqsu li jieħdu sehem fil-Purċissjonijiet kollha ta' matul is-sena u kienu jieħdu sehem fil-funerali li fihom jiġu mitluba jipparteċipaw. Meta kanonku minnhom kellu jassenta ruħu biex ikompli l-istudji tiegħu Ruma, biex jikseb id-Dottorat, hu kien talab apposta lill-Awtorita' f' Ruma biex seta' jassenta ruħu mill-preżenza korali. Niftakar ukoll li meta kien ippreżenta ruħu ċertu kandidat biex jimla wieħed mill-kanonikati, l-Awtoritajiet Maltin talbu ċertifikat mediku li l-individwu konċentrat ma kellu xejn x' ixekklu li jattendi. Il-kanonċi kienu jieħdu ħsieb il-knejjes filjali, li għandna mxerrda mal-Parroċċa, kif ukoll kienu jiġu nominati bħala Prokuraturi tad-diversi altari tal-Parroċċa li l-biċċa l-kbira minnhom għandhom konfraternita` annessa magħhom. Huma jieħdu ħsieb li jitwettqu l-obbligi kollha li huma marbuta magħhom. Niftakar li konna nitilgħu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Minsija biex kapitolarment niċċelebraw il-festa tal-Lunzjata u ta' San Anard sas-sena 1965 meta San Ġwann sar Parroċċa għalih. Iżda xorta waħda qassisin minn Birkirkara (e.g. Dun Pawl Gauci) kienu kull nhar ta' Ħadd imorru jqaddsu għall-poplu ta' dawk l-inħawi.

Matul dan l-aħħar 50 sena, niftakar bosta membri tal-kapitlu jmutu, inkella minħabba diversi motivi jirriżenjaw u oħrajn jimlew il-post li kellhom huma. Ħarsa lejn l-istemmi li jżejnu l-ħitan ta' l-Aula Capitularis, (li hija biss tista' titqies bħala mużew) turi l-ismijiet tal-kanonċi, id-data tal-ħatra tagħhom kif ukoll meta mietu jew irreżinjaw. Meta jitbattal kanonikat fi żmien determinat jittieħdu passi biex jimtela il-post tiegħu. (Ġie li jinħatru wkoll kanoniċi onorarji. Niftakar lil Mons Arċisqof Gonzi bi ftehim mal-Kapitlu jinnomina lil Mons George Crenan, Awstraljan, li għen ħafna fl-emigrazzjoni ta' bosta Maltin, bħala kanonku onorarju tal-kolleġġjata tagħna). Fl-Awla kapitulari, fuq il-ħitan tal-faċċata hemm l-istemmi tal-Preposti. Fosthom hemm dik ta' Mons Emmle Vella li kienu sarulu festi sbieħ għeluq il-25 sena bħala ragħaj tal-Parroċċa (4 Frar' 62). Kienu saru diskorsi kommemorattivi tassew sbieħ. Warajh kien laħaq Mons Injazju Sciberras Psaila, wieħed mill-kapitulari Elenjani li kien irreżenja biex mar Ruma fejn sar ukoll Bibliotekarju tal-Lateran.

L-istituzzjoni kanonika b' arranġament speċjali kien tahielu Mons Pietro Palazzini (5 Awissu '62 ). Aktar tard Kardinal Palazzini kien fost dawk li żar il-Bażilika tagħna bħala Prinċep tal-knisja. Dun Naz, kif kien magħruf, dam kap tal-Parroċċa ta' Birkirkara sa l-1981 meta bi ftehim mal-kapitlu, fi żmienu ġiet mifruda bil-benedittu ta' l-Awtorita' l-Arċipretura mill-prepożitura, unjoni li kienet saret b' Digriet Papali (Papa Benedittu XIV fil-10 ta' Marzu 1751) "In supremo Apostolatus solio". L-Arċipriet li beda jwettaq dan id-dmir (11.10.81) kien il-kan. Dun Ġeżepp Mifsud Bonniċi u wara snin (29.9.86) is-suċċessur tiegħu kien l-ex-Arċipriet taż-Żurrieq is-saċerdot Dun Anton Vella li attwalment hu l-Prepostu Arċipriet, wara li saret mill-ġdid l-unjoni fuq imsemmija. Hu ħa l-insedjament tiegħu fl-1 ta' Jannar 1995. Dan kien seta' jsir wara l-mewt tal-Prepostu Sciberras Psaila (2 ta' Lulju 1994) li kien żamm il-prepożitura sakemm idum ħaj. Wara mewtu saret mill-ġdid l-għaqda tal-Prepożitura ma' l-Arċipretura. Kemm il-Prepostu E. Vella (fis-1962) kif ukoll il-prepostu Psaila (30.8.87)Iċċelebraw il-ġublew tal-fidda tal-prepożitura tagħhom.

## Żjarat minn persuni distinti

Matul dawn l-aħħar 50 sena bosta kienu l-persuni distinti li żaru l-Bażilika tagħna, l-aktar fiċ-ċentinarju Pawlin (1960). F' din l-okkażjoni fil-parroċċa tagħna konna għamilna festi speċjali ad unur ta' San Pawl, meqjum fil-knisja tiegħu tal-Wied, kien inġieb fil-Bażilika għall-festa. Fost il-Kardinali li żaruna, insemmu lil Kardinal F.Tedeschini li sejħilha "una Basilica degna di Roma", il-Kardinal Luigi Traglia ta' Ruma, il-Kardinal J. Slypi ta' l-Ukraina li għadda s-snin il-ħabs (1 10.65). Hu ħalla miktub fuq il-visitors' book "Devoto e grato per la cordiale receptione". Reġa ġie fostna, bħala Kardinal, Pietro Palazzini. Fost diveri

Isqfijiet barranin insemmu lil Leo Tigga (Indjan, Isqof ta' Dumka) lil G. Perniciario, (ta' Piana degli Albanesi fi Sqallija) lil Mons. Worlock, id-Delegat Apostoliku Gerald o'Hara, lil Martin o' Connor, Nunzju Apostoliku, lil Tomas Manning, lil Carlor Arċisqof ta' Olinde u Recife fil-Brażil, lil Ottorino Alberti ta' Spoleto, li qaddes solenni fil-festa tas-Salib (1974). Saħansitra kellna wkoll żjara nformali ta' Robert Runcie, Arcisqof ta' Canterbury f'jum il-festa titulari (1981). Jissemmew ukoll l-Isqof ta'Madras Paul des James u n-Nunzju Sebastian Laboa li kien iċċelebra l-festa tas-Salib f'Mejju ta' tlett snin ilu. Ġie fostna wkoll Dom Angelo Mifsud O.S.B. Abbati tal-Kongregazzjoni ta' Mont Cassino, kif ukoll l-Eċċ. Tomas Manning tal-Bolivia. Bosta Isqfijiet Maltin żaru l-Bażilika tagħna, ibda mill-Vigarju Apostoliku tal-Kuwajt l-Isqof Karkariż Francis Micallef (1982), l-Isqof Paul Darmanin, Isqof Paul Andreotto tal-Pakistan. Fost l-Isqfijiet Maltin żaruna Mons. Mikiel Gonzi Arċisqof, Emanuel Galea, Redent Gauci Karmelitan (1967), in-Nunzju Apostoliku Emanuel Gerada (1967), l-Isqof Nikol Cauchi u bosta drabi l-Arċisqof Gius Mercieca li fl-insedjament tiegħu fil-Katidral ta' l-Imdina, delegazzjoni tal-Kapitlu ħadet sehem uffiċjalment. Il-ħatra ta' Mons Vincent Costa, li trabba taħt id-dell tal-Bażilika, li fiha missieru Carmelo għal bosta snin serva bħala organista (u semmagħlna l-isbaħ melodiji fuq l-orgni ta' Tamburini) imleit bil-ferħ lill-Karkariżi kollha, meta saret taf bin-nomina tiegħu bħala Isqof Awżiljarju ta' Londrina. Iben ieħor ta' Birkirkara, magħżul prelat u afdat b'responsabbilta' mill-Vigarju ta' Kristu (7 ta'Lulju 1998) Hu ġie maħtur Kanonku onorarju tal-Bażilika (2 ta' Diċembru 1998)

## Personalitajiet oħrajn

Niftakar lil Sir Mauric Dorman Gvernatur ta' Malta lejlet il-festa akkompanjat mit-Tabib Paul Borg Olivier, iżur ukoll l-Aula Capitularis u jifli dak kollu li fiha (17 Awissu '63), il-Professur Gius. Aquilina u P.P. Saydon, li spiss kienu jżuru Birkirkara. Ma rridx ma nsemmix lill-ex president tar-Repubblika Sir Anthony Mamo, li għandu wisq għal qalbu post twelidu u li kull sena ma jonqosx li jkun preżenti għat-Transulazzjoni. Meta laħaq Gvernatur Ġenerali, il-Kapitlu kien għamillu laqgħa tassew sabiħa fl-Aula Kapitulari. Niftakar ukoll lill-President tar-Repubblika Ċensu Tabone li fl-1991 kien ippressieda Akkademja Mużiko-letterarja. Leljiet il-festa jiġu mistiedna uffiċjalment il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni u s-Sindku.

## Ġrajja Mportanti

F'dawn l-aħħar 50 sena, il-Kapitlu baqa' jżomm id-drawwa tiegħu li jiltaqa' regolarment biex jiddiskuti diversi problemi u jsolvihom għall-ġid tal-Parroċċa u xejn anqas għall-ġid ta' l-erwieħ. Diversi Kapitulari kienu wkoll Diretturi Spiritwali ta' Għaqdiet u Movimenti ta' Appostolat, barra d-dmirijiet li jitlob minnhom il-Kapitlu. Problema kbira kienet ir-rikostruzzjoni tal-Knisja ta' Santa Marija, il-benniena tal-Kolleġġjata, mibnija mill-Arkitetti Vittorio Cassar u Tommaso Dingli. L-Arċisqof Gonzi wkoll wera nteress speċjali f'din il-ġawhra, li kienet f'nofs żona li qed tintela bil-bini. Kien qed jiġi offrut servizz ta' quddies u tagħlim tad-Duttrina. Fit-12 ta' Ottubru 1969, l-Arċisqof waqqaf id-dfin li kien isir fl-oqbra tal-kursija. Il-Kapitlu ma farfarx minn fuqu dan id-dmir. Wara studju għaqli inħatret Kummissjoni ffurmata mill-Kanonċi V. Saliba, E. Grech, V. Borg u C. Aquilina flimkien mal-Perit Harold Borg. Niftakar li darba snin ilu, il-Kan Penitenzier Dun Ġakbu Micallef xtaq jindaħal biex isaqqaf bil-concrete din il-knisja biex ma jkomplix jinfiltra ilma tax-xita fil-ħitan miftuħa. Naf ukoll li kemm il-Patrijiet Dumnikani, f'ittra miktuba bil-latin mill-Prof Serafin Zarb, xtaqu li tingħatalhom din il-knisja. Kienu nteressati fiha wkoll, il-Patrijiet ta' l-M.S.S.P. Kien hemm ukoll min xtaq iħott din il-ġawhra biċċa biċċa u jittrasportaha barra minn Malta. Iżda l-Kapitlu kien deċiż li jagħti s-sehem tiegħu ukoll finanzjarju. Ix-xogħol beda bl-imgħallem Abraham Schembri b'reqqa kbira jipprova jsib ukoll ħjiel biex ir-rikostruzzjoni ma tkunx 'l bogħod mill-oriġinal. Il-Profs V. Borg kien inkariga lill-Perit Joseph Tonna biex jagħmel disinn tal-koppla, skond struzzjonijiet mogħtija minnu wara riċerki li għamel. Ħadmu b'tant għaqal taħt Abraham kemm il-Kan. V. Saliba, Joseph Borg, T. Montebello, T. Muscat u Tonu Cohen. B'ferħ kbir l-Arċisqof M. Gonzi, li spiss kien iżur il-post, fit-13 ta' Mejju 1972 ikkonċelebra quddiesa fil-parti tal-knisja li setgħet tiffunzjona. Kien ġie mibni ħajt f'tarf il-kursija. L-imgħallem bla ma jaqta' qalbu rnexxielu li jwaqqaf it-tambur tal-koppla, barra l-kor u l-kappelluni. Il-Kapitlu kien ħatar kanonku Vigendarju biex jaqdi spiritwalment in-nies taz-Zona. Difatti kien hemm ukoll kapitulari oħra jgħinu. Barra x-xogħol u taħbil il-moħħ, f'dak il-monument il-Kapitlu nefaq Lm 48 000 u ħalla Lm 20 000 oħra mill-bejgħ ta' plots fin-naħa tas-Swieqi, li kienu jappartjenu lill-Mensa Kapitulari. Il-ħidma pastorali ntensifikat ruħha u personali ma kienx hemm biżżejjed biex ilaħħaq ma' kura spiritwali adegwata u biex jissorvelja l-progress tax-xogħol. Għalhekk il-kapitlu ddeċieda li bla ebda preġudizzju jirregala lill-Arċidijoċesi din il-ġawhra arkitettonika. Dan kien f' Ottubru 1986.

Fost ġrajja li ma rridux li jintesew, hemm l-Akkademji mużiko-letterarji li ttellgħu mill-baned ewlenin ta' Birkirkara. Fis-sena 1995 kienet saret waħda mid-Duke of Connaught, preseduta minn l-E.T. Ugo Mifsud Bonniċi u oħra mill-Filarmonika Sant Elena. Kellna wkoll kuncert ta' mużika sagra minn St Monica Choir. Bosta drabi kien ġie Malta St Edmund's Choir ta' Portsmouth u ta performances ta' kant sagru fil-Bażilika (1993 u 95). Organiser tal-banda St Helena kien ġab ukoll kor maskili minn Wales. Fl-okkażjoni tal-laqgħa f' Malta Bush Gorbacheov, kienet saret repeat performance tar-Requiem ta' Verdi.

Attivitajiet oħra kienu l-Pegeant dwar Santa Liena u dik tal-lejl tal-Milied mibnija fuq sfond bibliku. Niftakar ukoll id-Disa'

Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-Sittax il-kungress Marjan. Kienu ġew Malta l-aqwa Teoloġi. Il-kapitlu laqa' uffiċjalment fil-Pjazza tal-Bażilika il-Legat tal-Papa, il-Kardinal Pappalardo (Settembru 1983). F' din is-sena sar il-kungress Nazzjonali tax-Xirka ta' l-isem Imqaddes t' Alla ġo Birkirkara, presedut mill-Isqof Nikol Cauchi. Fis-sena 1985, il-kapitlu ried ifakkar uffiċjalment il-75 anniversarju ta' l-Inkoronazzjoni tal-Madonna, meqjuma fis-santwarju tal-Ħerba. Il-kwadru nkurunat inġieb il-Bażilika u saru festi kbar.

Ġrajjja mhux ta' min iħalliha barra hi l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' diversi saċerdoti li saret fl-1972 minn Mons Arċisqof Gonzi. Fosthom kien hemm Lino Cardona, Patrick Rice, Oliver Borg Oliver u Henry Muscat, Tereżjan li qed jaħdem bħala missjunarju f' Taiwan. Bosta minn ulied Birkirkara matul dan in-nofs seklu ħallew gżiritna biex jaħdmu pastoralment f' pajjiżi oħra. Billi ninsabu mixtieqa minn saċerdoti ġodda, lqajna bil-ferħa l-okkażjoni li fiha l-Arċisqof Mercieca għażel il-Bażilika tagħna biex jilqa' uffiċjalment il-kandidati ġodda għas-saċerdozju.

## Restawr tal-Pittura

Problema oħra li għal bosta snin kienet ilha tħabbel moħħ il-kapitlu kienet ir-restawr ta' l-affreski ta' Virginio Monti. Il-ħsara minħabba l-infiltrar ta' l-ilma tax-xita, il-blast tal-bombi u fatturi oħra kienu l-kawża li dak il-kapolavur tilef ħafna mis-sbuħija tiegħu. Il-Prepostu Sciberras Psaila kien beda jiġbor xi fondi biex jingħata bidu għar-restawr. Kien hemm xi tentattivi biex jinbeda x-xogħol tant mixtieq. Iżda ma kienux biżżejjed. Meta Dun Ġużepp Mifsud Bonniċi laħaq Arċipriet, kien determinat li jingħata bidu għar-restawr. Ittieħdu l-provvedimenti kollha, permessi u studji u nformazzjoni dwar min u kif jitwettaq ir-restawr. Kull bidu hu diffiċli iżda d-determinazzjoni kienet hemm. Intagħżel l-artist rabti Samuel Bugeja, li kien mgħejjun minn ibnu l-Perit Joe u ħuh Gerald. Ġew mixtrija numru ta' travi twal tal-ħadid u twavel ta' saħħa flimkien ma' pipes tal-ħadid biex permezz tal-ħaddiema ta' l-armar, li wettqu x-xogħol fuq bażi volontarja, l-pittur ikollu scaffolding sod u bla periklu. Ix-xogħol beda u l-poplu beda joffri s-sehem tiegħu ta' flus. Il-proċess li r-restawratur għażel kien l-aħjar li seta' fiċ-ċirkostanzi wara li l-koppla ġiet mill-ewwel miksija b' żebgħa apposta bażi lastiku.
B' ħila u reqqa kbira, Samuel irnexxielu bl-għajnuna ta' l-abbozzi u tal-fotografija black and white, meħuda ftit wara mill-fotografu Niceforu, li ssellifna mingħand il-kav. Gius Busuttil ta' l-Amerka, jagħtina ħjiela ta' kemm kienet sabiħa meta fl-1906 tlestiet minn Monti l-koppla mżejna bl-affreski. Niftakar li ġiet inawgurata minn Dun G. Mifsud Bonniċi, li kien temm il-ħatra tiegħu bħala Arċipriet. Kien imiss ir-restawr tal-kor, warajh dak tal-kappellun tal-kurċifiss, imbagħad dak tar-rużarju. Warajhom Samuel kompla d-diversi biċċiet tal-kursija u fl-aħħar l-Evanġelisti. Dan il-proċess ta' restawr ħa perijodu ta' ħmistax-il sena. Il-ħaddiema ta' l-armar taw is-sehem siewi tagħhom billi żebgħu l-kustiji tal-koppla u l-affarijiet li kienu lewn tafli. Naddfu tajjeb id-dħaħen li nġemgħu matul is-snin, saret ventilazzjoni adegwata, tbiddlu t-twieqi ta' l-injam li kien hemm qabel, u ġew dekorati skond istruzzjonijiet li kien ta l-Kan Salvatore di Pietro. Dawn l-aħħar snin, rajna wkoll il-kisi bl-irħam aħdar, il-ħitan tal-kor, opra tal-kan. Dekan Carmelo Pirotta, li kienet ilha msemmija u mixtieqa.

## Istallazzjoni Elettrika

Forsi din l-opra dehret żejda. Imma meta tqis il-ħtieġa ta' kurrent elettriku li jitwassal kullimkien mal-Bażilika b' mod żgur u adegwat, l-aktar meta fil-festa nkunu ninħtieġu load enormi minħabba l-konsum, wieħed jirraġuna xort'oħra. Niftakar tajjeb ix-xogħol preparatorju, permessi, kuntatti ma' l-electrical engineer u t-taħbit li għaddejna minnu ma' min kien konċernat, biex ikollna kumnikazzjoni diretta mas-sub station ta' fejn iċ-Civic Centre.Veru l-kuntrattur Geroge Grech tana xogħol tajjeb li llum qed naraw ir-riżultati, minkejja li bil-mod il-mod għadna nħallsu l-ispejjeż li telgħu qrib il-Lm 40 000. Kull pass ittieħed bil-kunsens tal-kapitlu li kien jiddeliga lill-Prokuratur biex ikompli.

## Il-Ħbieb tat-Tempju

Bl-iniżjattiva tas-Sur Emmle Sammut, ingħaqdu grupp ta' parruċċani bl-iskop li bla ebda rbit ħlief l-imħabba għat-tempju tal-Mulej, iħabirku u jgħinu biex ngħożżu l-wirt li tul is-snin stinkaw għalih missirijietna. L-idea ittieħdet u l-imsieħba bdew jaraw il-frott tas-sehem tagħhom. Inizjattiva oħra li rajna dawn l-aħħar snin (1989) kien il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali fil-post li qabel kien magħruf bħala l-barriera ta' wara l-Bażilika. Kien proġett tant mixtieq, bżonnjuż u mistenni. Il-Perit Italo Raniolo ħejja pjanta bil-għaqal u l-post ġie mibni mill-Karkariżi aħwa Cardona. Il-kumitat li mexxa l-bini u stinka għall-fondi tiegħu ħaqqu kull tifħir. Illum dan iċ-ċentru hu l-mekka ta' l-attivitajiet ta' kull xorta, esklużi dawk politiċi, li jsiru fil-parroċċa. Kull jum issir fih xi attivita, minn laqgħat rikreattivi, edukattivi u wirjiet li jsiru kull tant xhur. Fih hemm l-Uffiċċju Parrokkjali u dak Amministrattiv.

Ħidma siewja li qed igħin fiha dan il-grupp bl-approvazzjoni sħiħa tal-kapitlu hi r-restawr tal-faċċata tal-Bażilka, li fuqha wkoll il-mogħdija tas-snin ħalliet il-marki tagħha. Kellhom jitniżżlu l-erbatax-il statwa tal-ġebel ta' fuq il-frontispizju, (xogħol li qed

isir taħt il-ħarsa attenta tal-Perit Denis De Lucca, espert fl-istil barokk) u minflokhom isiru oħrajn identiċi. Dawn qed jiġu skolpiti mid-Ditta Agius tal-Qrendi. Il-ħaddiema ta' l-iskola Glormu Cassar qed iwettqu xogħol tassew delikat biex ibiddlu ġebel li jew tmermer inkella sofra danni bl-imsiemer li twaħħlu miegħu meta l-faċċata kienet tinxtegħel b'tazzi taż-żejt. Il-faċċata hekk restawrata tikkomplementa z-zuntier li kien ġie renovat dawn l-aħħar ħamsin sena flimkien maż-żewġ lampjuni bid-dawl maħduma mid-Ditta Camilleri. Tassew ikun fiha xena sabiħa d-dehera tal-Bażilika floodlighted matul il-lejl.



L-Alarm System

Idejn sakrileġi ma ħafrux żjara lill-Bażilika tagħna. Anqas ma kienu rawha bi tqila li jpoġġu splussivi wara l-uffiċċju ta' l-Arċipriet Mifsud Bonniċi. L-Awtoritajiet insistewlna li nieħdu passi biex ikun hemm sigurta' adegwata. Il-kapitlu fehem il-problema u bis-support sħiħ ta' min fehem din il-ħtieġa, illum għandna sistema moderna ta' sigurta'. Wara kollox jixraq li dar il-Mulej, ma jkollhiex żjarat minn bnedmin ħanja li jkissru, jisgassaw u jisirqu. Il-kapitlu jibqa' rikonoxxenti lejn dawk kollha li b' xi mod jew ieħor għenu u għadhom igħinu biex dar il-Mulej tissebbaħ u tingħata ġieħ li jistħoqqilha.

Il-Kunsilli Pastorali Parrokkjali




Niftakar tajjeb kemm dan kien għal qalb il-Prepostu E. Vella u kemm kompla u għadu jiġi frekwentat mill-operaturi pastorali, maħtura mill-għaqdiet li jirrappreżentaw u minn dawk magħżula mill-President li hu l-Prepostu. Veru li ċ-chair-person ikun lajk (niftakar lil Ġuze Gauci, Jos Sammut, Alf. Saliba, Jos. Sammut, Helen Borg Bonniċi, Emmle Sammut). Il-Ħidma pastorali kienet intensa kif jixhdu l-postijiet tad-Duttrina u ta' għaqdiet oħra ta' Apostolat. Inħass il-bżonn li jinbnew u jiġu attrezzati postijiet deċenti għall-laqgħat tal-membri. Illum il-lajċi wara l-Konċilju għandhom rwol tassew importanti. Il-ħtiġijiet pastorali tal-Parroċċa tagħna huma aktar mifruxa, komunitajiet ġodda qed jimbtu fi ħdan il-knisja. F' Birkirkara ta' llum, minħabba li tant infirxet fil-kobor tagħha, jiġu ndikati żoni speċjali (bħal dik tal-knisja l-Qadima li saret awtonoma u dik tas-Swatar) fejn saċerdoti jaqdu lill-komunita' fil-ħtiġijiet kollha spiritwali. Inħass il-bżonn ta' bini ta' kappelli ġodda u ta' djar tad-Duttrina fejn jiġi mgħallem il-katekiżmu. Fi ħdan il-kunsill fost kummissjonijiet oħra, hemm dik Katetika, billi barra l-branches hemm sebgħa djar tad-Duttrina mifruxa ma Birkirkara kollha eskluża l-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, (mibnija bejn il-1965-69) li ġiet imwaqqfa dawn l-aħħar snin bħala Parroċċa (1973) bl-ewwel Kappillan Carm Aquilina li kien Kanonku.

Għeluq

Bdejna l-millennju l-ġdid li miegħu hemm marbuta diversi sfidi. Ma rridux inserħu ruħna fuq dak li twettaq fl-imgħoddi, iżda jinħtieġ li nħejju l-ġenerazzjoni li tiela' biex tgħożż dak li wirtet minn missirijietna. Il-bnedmin għandhom ikabbru u jagħnu l-kultura, jirbħu l-qawwa tal-ħażen, jitgħallmu jagħmlu użu mill-opportunitajiet li qed ikollhom f' din l-era teknoloġija, ikabbru l-ħbiberija u l-kooperazzjoni bejn il-popli, nibdew l-ewwel minn dawk l-aktar qrib tagħna. Inneħħu l-għażż, l-apatija u l-egoiżmu, s-susa tal-progress u ngħixu ż-żmien ta' issa bħala awgurju sabiħ għall-ġejjieni. Dan iffiser il-motto "auspicium melioris aevi". Kuraġġ: il-proverbju latin igħid; "Fortuna audaces iuvat" (il-fortuna tgħin lil dawk il-qalbiena).